18 ta' Mejju, 1959

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;

Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Charles Santucci

*versus*

John Mizzi ne.

**Riżoluzzjoni ta' Bejgħ — Restituzzjoni ta' somma mħallsa akkont tal-prezz — Obbligazzjoni.**

*Jekk wieħed jixtri karrozza u jħallas somma ta' flus akkont tal-prezz tagħha, u mbagħad jerġa' jibdielu, u l-venditur jaċċetta li jxoljih mix-xiri ta' dik il-karrozza b'dan illi, meta x-xerrej isib karrozza oħra li tgħoġbu u jixtriha, il-flus li ħallas ak-*

*kont tal-prezz tal-ewwel karrozza jiġu akkreditati lilu akkont tal-prezz eventwali tal-karrozza l-oħra, ma jistax jingħad li dan il-ftehim ma jistax inissel ebda obligazzjoni jew rabta legali, għax jonqos l-oġġett tal-kuntrattazzjoni, ċjoè id-determinatezza tal-karrozza l-oħra li kellu jieħu x-xerrej u jonqos ukoll il-prezz tagħha.*

*Għax ftehim simili ma jimpurtax bejgħ jew xiri, jew promessa ta' bejgħ jew xiri, ta' karrozza oħra, li kien ikun jirrikjedi għall-validità tiegħu id-determinatezza tal-oġġett u l-ftehim fuq il-prezz, imma jfisser biss li l-venditur kien dispost li jagħti lix-xerrej l-opportunità li ma jitlefx l-akkont li ħallas għall-ewwel karrozza u jutilizzah jekk u meta jixtri minn għand il-venditur karrozza oħra. Dan il-ftehim ifisser illi l-unika obligazzjoni li assuma l-venditur hi li jakkredita lix-xerrej bil-flus li dan ħallas akkont tal-prezz tal-karrozma mixtrija fil-każ biss u meta jixtri karrozza oħra.*

*Għaldaqstant mhix attendibbli t-talba tax-xerrej għar-restituzzjoni ta' dak l-akkont mingħajr ma jixtri karrozza oħra minn għand il-venditur. Jista' jkun divers il-każ kieku jkun l-istess venditur li jimpedixxi l-verifika tal-kondizzjoni li tagħti lok għall-obligazzjoni tiegħu li jakkredita lix-xerrej b'dawk il-flus.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza tagħha tat-12 ta' Diċembru 1958, li fiha hemm rijassunti ċ-ċitazzjoni tal-attur, l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u s-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-26 ta' Ġunju 1958. B'dik is-sentenza ta' din il-Qorti ġie dikjarat illi l-kwistjoni sollevata mill-attur dwar l-effetti ġuridiċi tal-ftehim fuq ir-ritenzjoni tat-£80 in kwistjoni tista', u għandha, tiġi diskussa u trattata f'din il-kawża; li ġiet imħollija għat-trattazzjoni tal-meritu kollu, inkluża dik il-kwistjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza tagħha fuq imsemmija, din il-Qorti ġa rriteniet, bħala fatt, illi "meta l-attur reġa bdielu dwar il-karrozza li kien xtara bil-"hire-purchase" minn għand

il-konvenut, u wara x-xewqa tiegħu li ma jeħodhiex, sar diskors bejniethom fis-sens li l-attur isib karrozza oħra li tgħoġbu, u t-£80 li hu kien ħallas akkont tal-prezz tal-ewwel karrozza jiġu akkreditati lilu akkont tal-prezz eventwali ta' dik il-karrozza l-oħra";

L-attur jippretendi illi dak id-diskors ma kienx jammonta għal vera obligazzjoni, u, kunsidrat bħala kondizzjoni tar-riżoluzzjoni tal-ewwel xiri, ma seta' jnissel ebda rabta legali, billi jonqos l-oġġett tal-kuntrattazzjoni, ċjoè id-determinazzjoni tal-karrozza l-oħra li kellu jieħu, u jonqos anki l-prezz tagħha;

Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi l-pretensjoni tal-attur hija aċċettabbli;

L-istess attur, fil-petizzjoni tiegħu, insista illi dan il-ftehim dwar ir-ritenzjoni tat-£80 in kwistjoni "ma jistax jittieħed bħala ftehim a sè...... iżda (għandu jittieħed) bħala parti ntegrali u inxindibbli tal-istess riżoluzzjoni tal-ewwel u uniku ftehim bejn il-kontendenti, bħala kondizzjoni tal-istess riżoluzzjoni" (fol. 30 fuq). Dan ifisser, u jista' jfisser, ħaġa waħda biss, illi ċjoè mingħajr dak il-patt speċjali l-ewwel xiri ma kienx jiġi riżolut. Dak ix-xiri bħala kuntratt kien komplet. Meta l-attur reġa bdielu u ried jinħall mill-obligazzjonijiet ta' dak il-kuntratt, il-konvenut aċċetta li jilliberah, iżda bil-patt li ma jirrestitwix lill-attur it-£80 li dan kien ġa ħallas akkont, imma li jżommhom a kreditu tiegħu bħala akkont antiċipat ta' karrozza oħra "second hand" li l-attur jixtri minn għandu. L-alternattiva kienet illi l-attur jibqa' marbut bl-ewwel bejgħ jew jitlef għal kollox dawk it-£80;

Din il-Qorti ma hix ta' fehma illi patt simili addett ma' riżoluzzjoni ta' bejgħ, kif ġara fil-każ preżenti, huwa null għar-raġunijiet sottomessi mill-attur. Rettament interpretat, dak il-patt ma kienx jimporta bejgħ jew xiri, jew promessa ta' bejgħ jew xiri ta' karrozza oħra, li kienu jkunu jirrikjedu għall-validità tagħhom id-determinatezza tal-oġġett u l-ftehim fuq il-prezz (art. 1397, 1403, 1404, 1406, 1407, 1408 Kodiċi Ċivili). Għall-kuntrarju, dak il-patt kien ifisser dan: L-attur, meta ma riedx jieħu l-kar-

rozza li kien xtara, ma kellux dritt jieħu lura l-akkont li kien ġa ħallas, mingħajr il-kunsens tal-konvenut; il-konvenut ma kienx dispost jagħti dak il-kunsens; hu kien dispost biss li jagħti l-opportunità lill-attur li ma jitlefx dak l-akkont, u li jutilizzah, jekk u meta jixtri minn għandu car oħra, jew hu stess jew *anki xi ħabib tiegħu*; ix-xiri ta' karrozza kien għalhekk il-kondizzjoni li taħtha l-attur seta' jkollu d-dritt li jieħu dawk il-flus lura, jew aħjar jimputahom akkont tal-prezz; liema dritt, altrimenti, hu ma għandux affattu;

L-attur ma jistax, *wara li fil-petizzjoni* qal dak li ġie ċitat aktar il-fuq (u li jikkorrispondi għal-verità tal-fatti), issa jiżola l-patt fil-kwistjoni u jgħid, kif qal fit-trattazzjoni, illi r-riżoluzzjoni tal-ewwel xiri saret kompletament u bilateralment mingħajr kondizzjonijiet, tant li ġiet eżegwita mill-konvenut bil-bejgħ tal-karrozza lil ħadd ieħor. Il-provi juru illi l-bejgħ lil ħadd ieħor sar bil-kunsens tal-attur, u *r-riżoluzzjoni tax-xiri li kien għamel l-attur,* waqt li saret bil-kunsens reċiproku, saret però bil-patt fuq imsemmi;

Dan il-patt ifisser illi l-unika obligazzjoni li kkontraha l-konvenut favur l-attur hi li jakkreditah bil-flus in kwistjoni fil-każ biss u meta *jixtri* karrozza oħra. *Imħarsa mill-lat* tal-attur, din mhix xi kondizzjoni mpossibbli. Hu magħruf li l-konvenut jinnegozja f'għadd kbir ta' karrozzi sekonda man, u ma għandux ikun anqas biss diffiċli li l-attur isib waħda li tgħoġbu. Imħarsa mill-lat tal-konvenut, l-obligazzjoni li hu assuma mhix evidentement merament potestattiva; se non altro, għaliex il-verifikazzjoni *tiddependi* wkoll *mill-volontà* tal-attur. Mbgħad hija liġi espressa illi "kull kondizzjoni għandha tiġi eżegwita kif il-partijiet riedu u fehmu li għandha tiġi eżegwita (art. 1100 Kod. Ċivili); u dan jimporta, ċertament, illi l-konvenut hu obligat li jbiegħ karrozza lill-attur, meta dan jagħżel li jixtri, bi prezz u b'kondizzjonijiet ġusti u xierqa. Del resto, waqt *it-trattazzjoni* tal-appell il-konvenut *offra* ripetutament li joqgħod, kwantu għall-prezz u kondizzjonijiet, fuq id-deċiżjoni ta' terza persuna esperta magħżula bi ftehim bejn il-partijiet;

Għalhekk, "rebus sic stantibus", il-Qorti mhix tal-fehma li t-talba tal-attur tista' tiġi milqugħa. Seta' jkun divers il-każ kieku ġie pruvat illi l-konvenut stess impedixxa l-verifikazzjoni tal-kondizzjoni li tagħti lok għall-obligazzjoni tiegħu (art. 1103 Kodiċi Ċivili). Iżda dan ma ġiex pruvat; anzi lanqas allegat;

Għal dawn il-motivi, u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, l-appell tal-attur hu miċħud, u s-sentenza appellata hi konfermata; bl-ispejjeż kontra l-istess attur, ħlief dawk tas-sentenza preċedenti tat-12 ta' Diċembru 1958, li jbagħtihom il-konvenut.